MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 4/2019 LM

**Raymond u Virginia Atkins**
*(l-appellati)*

***vs.***

**S&S Bathrooms Limited (C 28235)**
*(l-appellanta)*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata, hawnhekk "l-appellanta", **S&S Bathrooms Limited** (C 28235) mis-sentenza mogħtija fit-2 ta' Mejju, 2019, (minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata") mogħtija mit-

Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda illi:

> *"... jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf, mitejn u erbgħa u sittin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€1,264.24), u qed jiċħad it-talba tad-danni morali, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà intimata."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-kwistjoni bejn il-partijiet bdiet wara li r-rikorrenti, hawnhekk "l-appellati", **Raymond u Virginia Atkins** għamlu ordni ta' madum mingħand is-soċjetà inimata, għal liema madum huma jgħidu li ħallsu l-ammont totali ta' elf, disa' mija u disgħin Euro (€1,990), iżda s-soċjetà intimata kkonsenjat biss b'kemm jiswew seba' mija u ħamsa u għoxrin Euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€725.76) f'materjal. Ir-rikorrenti istitwew il-proċeduri odjerni li permezz tagħhom qegħdin jitolbu rifużjoni tal-ammont ta' elf, mitejn u erbgħa u sittin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€1,264.24) rappreżentanti d-differenza bejn l-ammont imħallas minnhom u l-valur tal-materjal ikkonsenjat lilhom, kif ukoll l-ammont ta' ħames mitt Euro (€500) rappreżentanti danni morali sofferti minnhom.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrenti għamlu ordni ta' madum mingħand is-soċjetà konvenuta. Ir-rikorrenti qalu li għal din l-ordni huma ħallsu l-ammont totali ta' elf, disa' mija

u disgħin Euro (€1,990), u bħala madum u materjal ieħor huma rċevew mingħand is-soċjetà intimata b'kemm jiswa €725.76, u għall-bilanċ rimanenti li tħallas minnhom ma rċevew xejn.

Min-naħa tagħha s-soċjetà intimata tgħid li fl-4 ta' Mejju, 2018 kienet saret ordni ta' madum tal-art fuq isem Virginia Atkins għall-ammont ta' €990.27, u dakinhar ma kien sar l-ebda ħlas mir-rikorrenti. Fis-7 ta' Mejju, 2018, ir-rikorrenti reġgħu marru fl-istabbiliment tas-soċjetà intimata, u għamlu ordni oħra, din id-darba ta' €1,960.06, iżda sussegwentement kien irriżulta li s-soċjetà intimata ma kellhiex il-madum kollu *in stock,* u għalhekk parti mill-ordni ġiet ikkanċellata, b'tali mod li l-ordni l-ġdida issa ġiet tammonta għal €1,348.03. Fis-7 ta' Mejju, 2018 ukoll, ir-rikorrenti kienu ħallsu l-ammont ta' €900 u €100 separatament għall-ordni tagħhom, iżda s-soċjetà intimata kienet tathom żewġ irċevuti separati, waħda għall-ammont ta' €990 u l-oħra għall-ammont ta' €100. Fil-11 ta' Mejju, 2018 kien ġie realizzat li kien hemm diskrepanza ta' €90 bejn l-irċevuta maħruġa u l-flus li rċeviet is-soċjetà intimata u għalhekk l-irċevuta mogħtija lir-rikorrenti fl-ammont ta' €990 ġiet ikkanċellata u minflokha nħarġet oħra fl-ammont ta' €900. Għall-ħabta ta' nofs Ġunju, ir-rikorrenti għal darb'oħra marru fl-istabbiliment tas-soċjetà intimata, fejn ingħataw bi żball kopji ta' tliet irċevuti u l-esponenti tas-soċjetà intimata naqsu milli jinfurmawhom li l-irċevuta ta' €990 kienet ġiet ikkanċellata. Il-kunsinna tal-madum saret fl-14 ta' Ġunju, 2018, u s-soċjetà intimata tgħid li l-valur ta' din il-kunsinna kien ta' €990.27. Esponenta tas-soċjetà intimata qalet li dan ifisser li kien baqa' ordni pendenti fl-ammont ta' €1,348.03, li suppost li

r-rikorrenti ħallsu depożitu ta' 50% fuqha fl-ammont ta' €674, filwaqt li l-bilanċ tal-prezz kellu jitħallas mir-rikorrenti mal-kunsinna tal-madum.

## **Is-Sentenza Appellata**

4. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-2 ta' Mejju, 2019, it-Tribunal laqa' t-talbiet tar-rikorrenti *in parte*, u kkundanna lis-soċjetà intimata għall-ħlas tas-somma ta' elf, mitejn u erbgħa u sittin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€1,264.24) u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu marru fix-showroom tas-soċjetà intimata u ordnaw madum għall-prezz ta' disa' mija u disgħin Euro, u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€990.27), u ħallsu cash, u ngħataw irċevuta. Wara ftit reġgħu ordnaw madum tal-ħajt li jammonta għal sitt mija u erbgħin Euro (€640), u ħallsu biss l-ammont ta' mitt Euro (€100) u ngħataw irċevuta. Reġgħu marru għat-tielet darba, u ordnaw madum tal-ħajt u ħallsu s-somma ta' disa' mitt Euro (€900), u ta' dan għandhom irċevuta fiskali.*

*Ir-rikorrenti ssottomettew ukoll illi mix-xogħol ta' disa' mija u disgħin Euro (€990) bagħtu biss l-ammont ta' sitt mija, tlieta u sebgħin Euro u tnejn u disgħin ċenteżmi (€673.92), u ma ġie xejn aktar u minkejja li ġew infurmati li għamlu xi reverse order, dan qatt ma sar.*

*L-intimat issottometta illi kienu għamlu reverse order ta' disa' mija u disgħin Euro (€990) u ma sarx id-delivery.*

*It-Tribunal jinnota illi waqt il-proċeduri ġew esebiti diversi sales orders, in sostenn ta' dak li qed jgħidu r-rikorrenti. Għalkemm is-soċjetà intimata jidher illi għamlet reverse order dina lanqas infurmat lir-rikorrenti b'dak li għamlet.*

*It-Tribunal, però wara li ra d-dokumenti, qed jemmen illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli.*

*Għal dawn il-motivi:*

*It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf, mitejn u erbgħa u sittin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmi (€1,264.24), u qed jiċħad it-talba tad-danni morali, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà intimata."*

## Ir-Rikors tal-Appell

5. Is-soċjetà intimata ppreżentat l-appell tagħha fit-22 ta' Mejju, 2019, fejn talbet lill-Qorti sabiex:

*"... din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur nhar it-2 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet '**Raymond u Virginia Atkins vs S&S Bathrooms Ltd'**, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati."*

6. Is-soċjetà appellanti tgħid li hija tħossha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal peress li dan naqas milli jqis il-provi u kien erronju fil-mod kif wasal għad-deċiżjoni tiegħu, liema ċirkostanzi jagħtu lok għat-tħassir tas-sentenza appellata. Is-soċjetà appellanta sostniet li minkejja li bħala regola, il-Qorti fi grad ta' appell m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li jkun sar fl-ewwel istanza, din ir-regola għandha l-eċċezzjonijiet tagħha, partikolarment f'sitwazzjonijiet fejn minħabba li fl-ewwel istanza ma jkunx sar apprezzament korrett tal-provi, tkun ser issir inġustizzja manifesta. Is-soċjetà appellanta tgħid li minkejja li hija ppruvat li kienet saret *reverse order,* u hija ma kellha tirrifondi l-ebda flus liti, it-Tribunal xorta waħda ddeċieda li l-verżjoni tar-rikorrenti kienet aktar kredibbli. Dan minkejja li skont is-soċjetà appellanta, kemm ix-

xhieda kif ukoll id-dokumenti ppreżentati mis-soċjetà appellanta li juru li kienet saret *reverse order* u li ma kienx hemm pendenzi fir-rigward tar-rikorrenti. Intqal ukoll li minkejja li f'ċirkostanzi ideali ma jittiħdux żbalji, f'negozju fejn ta' kuljum jittieħdu diversi ordnijiet, ikun hemm drabi fejn jittieħdu żbalji ta' din ix-xorta. Is-soċjetà appellanta sostniet li hija qiegħda tiġi kkundannata sempliċiment minħabba li naqset milli tinforma lir-rikorrenti li kienet saret *reverse order,* u dan minkejja li din is-sitwazzjoni ma kkaġunat l-ebda ħsara jew telf lir-rikorrenti, għaliex il-madum li ġie kkonsenjat lilhom kien proprju dak li ħallsu għalih.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

7. Fir-risposta tal-appell tagħhom l-appellati wieġbu li s-sentenza mogħtija mit-Tribunal hija ġusta u timmerita konferma, u konsegwentement l-appell intavolat mis-soċjetà appellanta għandu jiġi miċħud. Ir-rikorrenti appellati sostnew li sa fejn l-appell tas-soċjetà appellanta huwa bbażat fuq apprezzament mill-ġdid tal-provi ppreżentati quddiem it-Tribunal, dak li qiegħda titlob is-soċjetà appellanta jeżorbita mill-kompetenza tal-Qorti tal-Appell. Ir-rikorrenti appellati saħqu li mkien ma jirriżulta li t-Tribunal kien erronju fil-mod kif wasal għad-deċiżjoni tiegħu, jew li dan naqas milli jqis ċertu provi jew li għamel apprezzament ħażin tal-fatti. L-appellati sostnew li l-kompitu ta' din il-Qorti għandu jkun ristrett għal eżami tas-sentenza tal-appell sabiex jiġi assigurat jekk dan l-appell jinkwadrax ruħu fil-parametri tal-limiti

tal-appellabilità previsti mil-liġi, għaliex jekk dan l-appell ma jaqax entro dawn il-parametri, din il-Qorti jkollha tiddikjarah irritu u null.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

7. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fil-qosor dwar ir-rwol tal-Qorti tal-Appell meta l-appell li jkollha quddiemha jkun jimmerita eżami mill-ġdid tal-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, meta l-appell ikun fuq il-mertu u mhux fuq punt ta' liġi. Huwa minnu li bħala regola, il-Qorti tal-Appell bħala qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax leġġerment id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim istanza, jew tat-Tribunal f'dan il-każ, ħlief meta din tkun manifestement żbaljata jew minħabba li jkun hemm raġunijiet serji oħra.[1] F'deċiżjoni oħra, fl-ismijiet **Paul Formosa *vs.* Salvu Debono**[2], ġie ritenut għal darb'oħra li d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ma tiġix disturbata:

> "... sakemm l-appellant – għax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm raġunijiet validi biżżejjed biex jitfgħu dubju raġonevoli fuq il-ġustizzja tal-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konklużjonijiet tagħha, tkun ser tiġi kommessa inġustizzja manifesta."

[1] **Emanuel Cardona et *vs.* Dr Graham Busuttil**, Q.A, 10.01.1995.
[2] Q.A., 05.10.2001.

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Av. Dr Henry Mamo *vs.* Joseph Farrugia**[3], il-Qorti tal-Appell għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> "Kif sewwa osservat din il-Qorti fil-kawża **Bezzina *vs.* Falzon**, (11.01.1995), 'Il-Qorti tal-Appell ma tistax tissostitwixxi dan il-konvinċiment morali b'konvinċiment morali ieħor kuntrarju jew oppost. Dan mhuwiex il-kompitu ta' Qorti ta' Appell; il-funzjonijiet u d-doveri ta' din il-Qorti huma oħra, huma ta' natura purament oġġettivi fis-sens li kontra dak il-konvinċiment morali soġġettiv tat-Tribunal li jkun sema' l-provi u weżinhom għandha topponi elementi oġġettivi ta' prova, jew inkella ta' dritt li jiġġustifikaw lil din il-Qorti minħabba l-kompożizzjoni plurali tagħha, li fuq dawk l-elementi oġġettivi hi tgħaddi biex tħassar jew telimina l-konvinċiment morali soġġettiv tal-ewwel ġudikant, imma mhux altrimenti."

Fir-rikors tal-appell tagħha s-soċjetà intimata qiegħda saħansitra tallega li bid-deċiżjoni tat-Tribunal tista' tinħoloq sitwazzjoni ta' arrikkiment indebitu għar-rikorrenti. Din il-Qorti tqis li ma tkunx qiegħda teżorbita mill-kompetenza mogħtija lilha jekk teżamina mill-ġdid il-provi prodotti quddiem it-Tribunal, sabiex tara jekk mill-provi prodotti hemmx lok li hija tasal għal konklużjoni differenti minn dik li wasal għaliha t-Tribunal.

*L-uniku aggravju:* *It-Tribunal naqas milli jqis il-provi prodotti u kien erronju fil-mod kif wasal għad-deċiżjoni tiegħu*

Bħala l-uniku aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra ċerti provi u konsegwentement għamel apprezzament skorrett tal-fatti li wasslu għal dawn il-proċeduri. Quddiem dan l-aggravju, il-Qorti

[3] Q.A., 07.07.2006.

għamlet l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem it-Tribunal, minn fejn jirriżulta li r-rikorrenti għamlu tliet pagamenti separati li jammontaw għal elf u disa' mitt Euro (€1,900), li huma ħlas ta' €900, erronjament indikat bħala €990, liema pagament sar fis-7 ta' Mejju, 2018[4]; ħlas ulterjuri ta' €100 li ukoll sar fis-7 ta Mejju, 2018[5]; u ħlas ieħor ta' €900 li ukoll sar fl-istess data.[6] Għaldaqstant tirriżulta ppruvata l-asserzjoni tar-rikorrenti li huma ħallsu t-total ta' elf u disa' mitt Euro (€1,900) lis-soċjetà intimata f'depożiti għall-madum li kien fi ħsiebhom jakkwistaw mingħandha. Jirriżulta wkoll li l-ammont ta' wieħed mid-depożiti ta' €900 kien erronjament indikat bħala €990 mis-soċjetà intimata, u kien għalhekk li dan l-ammont ġie kkorreġut mis-soċjetà intimata permezz ta' *reversal transaction* li turi din id-differenza ta' disgħin Euro (€90) bejn dak li tħallas mir-rikorrenti u dak li attwalment irċeviet is-soċjetà intimata. Dan jirriżulta ppruvat ukoll mis-*sales ledger transactions* ippreżentati mis-soċjetà intimata, minn fejn jidher ċar li t-total imħallas mir-rikorrenti lis-soċjetà intimata jammonta għal €1,900.

Mill-provi prodotti jirriżulta wkoll li filwaqt li l-ordni oriġinali li saret mir-rikorrenti kienet għal kunsinna ta' madum li l-valur tiegħu kien jammonta għal €1,960.06, parti minn dak il-madum ma kienx *in stock,* u għalhekk is-*sales order* tar-rikorrenti ġiet emendata[7], sabiex l-ordni tagħhom ġiet tammonta għal €1,348.03. Mid-*delivery note* maħruġa fl-14 ta' Ġunju, 2018[8] jirriżulta li s-

---

[4] Ir-referenza tas-soċjetà konvenuta għal dan il-ħlas hija 34332.
[5] Bir-referenza 34333.
[6] Bir-referenza 34347.
[7] Fil-fatt hemm il-kelma *updated* fuq id-dokument li jirreferi għas-*sales order* 10359.
[8] Bir-referenza 13795.

soċjetà intimata għamlet kunsinna ta' madum u materjal li l-valur tiegħu huwa ta' €990.27. Mill-provi prodotti ma jirriżulta li saret l-ebda kunsinna ta' xi materjal b'xi valur ieħor lir-rikorrenti, u għalhekk il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li għad li r-rikorrenti ħallsu l-ammont ta' elf u disa' mitt Euro (€1,900) bħala depożiti għal xogħol u materjal li riedu jakkwistaw mingħand is-soċjetà intimata, din fil-fatt ikkonsenjat biss b'kemm jiswa €990.27 f'materjal u madum. Għaldaqstant il-bilanċ li s-soċjetà appellanta għad trid tħallas lir-rikorrenti minħabba li l-ordni tagħhom għal xi raġuni ma ġietx eżegwita, huwa ta' €909.73.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi tvarja s-sentenza mogħtija mit-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumatur mogħtija fit-2 ta' Mejju, 2019, billi tordna lis-soċjetà intimata, appellanta f'din l-istanza, tħallas lir-rikorrenti, appellati f'din l-istanza, is-somma ta' disa' mija u disa' euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€909.73) rappreżentanti l-bilanċ li tħallas lilha mir-rikorrenti appellati, fir-rigward ta' liema s-soċjetà intimata appellanta baqgħet ma pprovdiet l-ebda madum jew materjal ieħor lill-rikorrenti appellati.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tas-soċjetà intimata appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**